Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 13 ta' Settembru 2022**
**(OR. en)**

**12246/22**

**SOC 480**
**EMPL 327**
**EDUC 304**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill |
| Suġġett: | Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali<br>Ħatra tas-Sur Andrea SIMONCINI, membru supplenti għall-Italja, minflok is-Sa Anita PISARRO, li rriżenjat |

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sa Anita PISARRO, bħala membru tal-Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru msemmi hawn fuq fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvernijiet (għall-Italja).

2. Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/128 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 337/75, il-membri tal-Bord tat-Tmexxija jinħatru mill-Kunsill.

3. F'konformità mal-proċedura tas-soltu, il-gvern tal-Italja nnomina lill-kandidat li ġej għal dan is-siġġu għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Marzu 2023:

Is-Sur Andrea SIMONCINI
Head of Unit for Vocational Education and Training
Directorate General for active labour policies
Ministry of Labour and Social Policies
Via Flavia, 6
00187
Rome - Italy
Tel.: + 39 06 4683 5804
Indirizz tal-posta elettronika: asimoncini@lavoro.gov.it

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jagħti parir lill-Kunsill biex:

(a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill mehmuża li tissostitwixxi membru tal-Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali, u

(b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

**ANNESS**

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'

li tissostitwixxi membru supplenti tal-

Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali

Il-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/128 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 337/75[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Fid-Deċiżjonijiet tiegħu tad-9 ta' April 2019[2], tat-8 ta' Lulju 2019[3], tas-16 ta' Settembru 2019[4] u tat-8 ta' Novembru 2019[5], il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali għall-perjodu mill-1 ta' April 2019 sal-31 ta' Marzu 2023.

(2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sa Anita PISARRO sar vakanti siġġu ta' membru fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvernijiet.

(3) Il-gvern tal-Italja nnomina kandidat għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

[1] ĠU L 30, 31.1.2019, p. 90.
[2] ĠU C 136, 12.4.2019, p. 6.
[3] ĠU C 232, 10.7.2019, p. 5.
[4] ĠU C 316, 20.9.2019, p 3.
[5] ĠU C 385, 13.11.2019, p. 6.

Artikolu 1

Is-Sur Andrea SIMONCINI huwa b'dan maħtur membru tal-Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali minflok is-Sa Anita PISARRO, għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Marzu 2023.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill
Il-President